Story Changers: It-Titjib fil-Ħiliet Soċjali tal-Istudenti u l-Arrikkiment tal-Metodi ta' Tagħlim Permezz tar-Rakkontar tal-Istejjer u tar-Realtà Virtwali

| | |
|---|---|
| **Output Intellettwali:** | **IO2** |
| **Titlu tal-Output Intellettwali:** | **Ħolqien tal-Istejjer "You Tell" u l-Gwida Rilevanti** |
| **Attività:** | **A5** |
| **Titlu tal-Attività:** | **Ħolqien tal-Istejjer "You Tell"** |
| **Sieħeb:** | **Aguilera** |

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix approvazzjoni tal-kontenut, li jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.

## Ikkoordinat minn

## Sħab

Apostolos Varnavas

Skola Primarja

| | |
|---|---|
| **Programm:** | Erasmus+ |
| **Azzjoni Ewlenija:** | Kooperazzjoni għall-innovazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin |
| **Titlu tal-Proġett:** | Story Changers: it-titjib fil-ħiliet soċjali tal-istudenti u l-arrikkiment tal-metodi ta' tagħlim permezz tar-rakkontar tal-istejjer u tar-realtà virtwali |
| **Akronomu tal-Proġett**: | Story Changers |
| **Numru tal-Ftehim tal-Proġett:** | 2020-1-CY01-KA201-066072 |
| **Data tal-Bidu tal-Proġett:** | 01/12/2020 |
| **Data tat-Tmiem tal-Proġett:** | 30/06/2023 |

# Werrej


Titlu tal-Istorja.....3

Informazzjoni bażika dwar l-Istorja.....3

L-Ewwel Suġġett.....3

It-Tieni Suġġett.....3

L-Eżiti tat-Tagħlim.....3

Grupp fil-Mira (Studenti).....3

Informazzjoni rilevanti oħra.....3

Referenza (jekk l-istorja tirreferi għal fatti reali, avvenimenti storiċi eċċ.).....3

Elementi Ewlenin tal-Istorja.....4

Eroj ewlenin.....4

Ambjent.....4

Sommarju.....4

It-Test tal-Istorja.....4

# Titlu tal-Istorja

Il-Gżira tal-Granċijiet Ħomor

# Informazzjoni bażika dwar l-Istorja

## L-Ewwel Suġġett

Ir-Reżiljenza

## It-Tieni Suġġett

Il-Ħbiberija

## L-Eżiti tat-Tagħlim

- Ikollok attitudni pożittiva
- Tkun tista' tikkontrolla l-emozzjonijiet
- Tkun tista' tara l-għawġ bħala opportunità biex titgħallem u tikber
- Ikollok ir-rieda li tieħu azzjoni
- Takkwista ħiliet għas-soluzzjoni tal-problemi u tkun tista' tapplikahom
- Iżżomm il-ħbieb u r-relazzjonijiet li jistgħu jagħtuk appoġġ
- Ikollok ir-rieda li taċċetta l-għajnuna

## Grupp fil-Mira (Studenti)

☒ 1el-2ni Klassi tal-Iskola Primarja

☒ 3et-4ba' Klassi tal-Iskola Primarja

☒ 5es-6tt Klassi tal-Iskola Primarja

## Informazzjoni rilevanti oħra

### Referenza (jekk l-istorja tirreferi għal fatti reali, avvenimenti storiċi eċċ.)

L-istorja sseħħ fil-Gżira Christmas u l-karattru ewlieni huwa granċ aħmar.

# Elementi Ewlenin tal-Istorja

## Eroj ewlenin

Martí → Il-karattru ewlieni tal-istorja.

Roc → Il-ħabib ta' Martí, li dejjem ikun miegħu waqt l-avventuri tiegħu.

Tina → Il-ħabiba l-ġdida tat-tim. Għall-bidu, hija ma tkunx eroj għax tipprova tinterrompi l-missjoni tagħhom iżda fl-aħħar tispiċċa tgħinhom.

## Ambjent

Il-Gżira Christmas

## Sommarju

Martí huwa granċ aħmar mill-gżira Christmas. Il-ħolma tiegħu hija li jkun l-aqwa astronawta. Iżda jum li huwa speċjali ħafna għalih (lejl wieħed li matulu ikun jista' jara stilel enormi fis-sema), jinzerta l-istess jum u ħin li fih il-granċijiet ħomor kollha jaqsmu l-gżira biex imorru x-xatt.

Huwa se jkollu jiddeċiedi kif jista' jimmaniġġja s-sitwazzjoni bl-għajnuna ta' Roc u Tina, żewġ kollegi tiegħu tal-iskola.

# It-Test tal-Istorja

**Martí, il-granċ astronawta**

- Martí! Ejja! Se nkunu tard! Agħmel is-sodda! Għadha mhux lesta l-bagalja? X'tifel dak! Xi straġi!
- Mà! X'inhu jiġri?
- X'jiġifieri "x'inhu jiġri?" Mela ma tafx x'ġurnata hi llum?

Kont għoddni nsejt! Illum kien il-jum, il-jum tant mistenni.

Ah! Skużawni tal-manjieri ħżiena tiegħi! Għadni ma introduċejtx lili nnifsi!

Jisimni Martí u ngħix fuq il-gżira Christmas. Iva, naf kif tinstema' din, imma m'iniex wieħed mill-assistenti ta' Santa Klaws. Dak ikun xogħol ideali! Il-ġurnata kollha niksi r-rigali u nqegħdilhom iċ-ċfuf...

Il-gżira Christmas hija gżira żgħira li tinsab qrib ħafna tal-Awstralja, pajjiż mimli kangaroos u koalas. Apparti dan, minħabba l-isem tal-lokal fejn noqgħod, wieħed jaħseb li aħna dejjem nilbsu xalla u ingwanti minħabba l-bard, nixtieq kieku! Hawn dejjem sħana taqli l-ġrieden. Għandna bajjiet tal-ġenn li wisq probabbli Santa Klaws innifsu jieħu gost kieku kellu jqatta' ftit ħin hawnhekk.

Mela, fejn konna...? Eh iva… Illum kien l-aktar jum importanti tas-sena, x'nista' ngħid! Ta' ħajti! U kien l-uniku lejl f'deċennji sħaħ li fis-sema stajt tara stilel kbar daqs il-bnedmin.

Illaħwa! Anke dak insejt! Jiena granċ, granċ aħmar, u milli tgħid ommi, l-isbaħ wieħed mill-klassi tiegħi. Dan niddubitah ftit, għax fil-verità, aħna kollha simili ħafna. Uħud ikollhom dwiefer ikbar, oħrajn ikollhom saqajhom iqsar... Imma fl-aħħar mill-aħħar, aħna kollha granċijiet.

Il-verità hi li għandi wisq nemex fuq wiċċi, iżda x'nista' nagħmel dwar dan? Skont missieri dan ġara minħabba li meta ommi kienet tqila bija, kellha xenqa kbira għad-dud tal-baħar iżda dik storja oħra...

Meta nikber nixtieq insir astronawta. Sħabi kollha tal-klassi jidħku bija għax, ngħiduha kif inhi, min qatt ra granċ liebes elmu jew ilbies ta' astronawta? Kif se nqiegħed bandiera fuq il-qamar jekk lanqas biss għandi swaba'? Tkun tad-daħk kieku, hux?

Iżda dwar dan ma jinteressanix. Jeħtieġ li nsegwi l-ħolm tiegħi u mhu se jkun hemm l-ebda granċ fl-ebda baħar jew oċean li ma jħallinix inkun dak li niskopri pjaneta mimlija granċijiet ħomor.

- Eh iva mà! Irrid nlesti t-teleskopju biex immur fuq il-bajja llejla! Grazzi talli fakkartni!
- X'qed tgħid miġnun? Tmur fuq il-bajja filgħaxija? Illum il-jum li rridu nitilqu mid-dar biex nemigraw għan-naħa l-oħra tal-gżira! Imma inti kif il-ħin kollu mifxul?
- Xiex? Illum? Ma nistgħux immorru għada, jekk jogħġbok mà? Illum jum uniku! Mhux se jkun hemm ieħor bħalu sa mitt sena oħra. Ma nistax nitlef din l-opportunità!
- Iva mela! Arani se mmur ngħid lill-miljun granċ li suppost se niltaqgħu magħhom fil-Pjazza Ewlenija biex nitilqu f'daqqa sagħtejn oħra. X'se ngħidilhom? Skużawni imma t-tifel tiegħi ma kellux aptit joħroġ mid-dar illum għax ried joqgħod iħares lejn xi tikek bojod fis-sema. Ieqaf għid iċ-ċuċati jekk jogħġbok u ppakkja l-basktijiet! Għandek 20 minuta!

Kien diffiċli għalija nipproċessa dik l-informazzjoni kollha f'daqqa. Kienet ħaġa ovvja li l-jum importanti li ommi kienet qed tirreferi għalih ma kienx l-istess wieħed li kont ili nistenna minn mindu twelidt.

Kemm mhumiex ġusti l-adulti kultant. Ma jaħsbux fuq kif se jħossuhom u xi jridu t-tfal. Għaliex issibha daqshekk diffiċli ommi biex tħallini waħdi d-dar? Imbagħad naraw lil xulxin meta hi, missieri u t-tlettax-il ħuti l-oħra jiġu lura?

Issa ħawwadtkom naħseb hux? Ħa ngħidilkom x'jiġifieri temigra kull sena, għalkemm aħjar li kieku sejjaħtilha "It-Tellieqa Bla Ras" .

Kull sena, niesi għandhom drawwa pjuttost stramba. F'Novembru bejn wieħed u ieħor, meta l-belt tibda tiffriska, ninġabru lkoll u mmorru sal-kosta biex ma niksħux (iva, aħna l-granċijiet ħomor pjuttost imfissdin!).

Il-verità hi li hi tassew tad-daħk tara miljuni ta' granċijiet jgħaffġu fuq xulxin, bħallikieku kienet tellieqa, u mingħajr ma jkunu qed jaraw xejn għax kull fejn tħares stajt tara biss irjus, dwiefer u saqajn. Barra minn hekk, huwa żmien perfett għall-granċijiet iż-żgħar biex isibu l-imħabba, għalhekk dawn imorru jfittxu s-sieħeb tagħhom fuq il-kosta.

Jien ma tantx jimpurtani, għax ta' tmien snin, m'għandix għalfejn ninkwieta fuq hekk għalissa. L-unika ħaġa li tinteressani hija li nsir l-aktar astronawta famuż fid-dinja.

Illum meddejt l-ewwel pass biex nkiseb il-ħolma tiegħi peress li dal-lejl osservajt l-istilel il-kbar. Ninsab żgur li se jagħtuni l-qawwa li għandi bżonn biex nibqa' niġġieled għad-destin tiegħi.

Iżda ommi tatni l-agħar aħbar fid-dinja. Fi ftit sigħat se tibda l-mixja l-kbira u se nitlef l-aktar lejl speċjali ta' ħajti.

Xi jmissni nagħmel? Sieħbi Roc xi jgħid li kieku ommu tgħidlu l-istess ħaġa li ommi qalet lili?

Roc kien l-akbar ħabib tiegħi l-iskola. Jien kont il-kaptan tal-ispaceship futur tagħna u hu kien il-logutenent kmandant tal-ispedizzjoni. Flimkien konna niffurmaw it-tim galattiku perfett, iżda din kienet sempliċiment kollha ħolma.

Ilna xahar nippreparaw għal-lejla. Jiena kont responsabbli mit-teleskopju u t-torċijiet u hu kellu jieħu ħsieb l-ikel u s-siġġijiet. Ridna nintilfu fil-medda vasta tal-univers…

Kont qed nippakkja u nibki meta ommi, li kienet qabżitilha bl-għajjat ta' ħija, hi u tomxotlu l-pinzetti, qaltli li kienet se tkun qed tistennieni fil-pjazza, li missieri kien qed jitlef il-paċenzja u li kulħadd kellu triq twila quddiemu, għaldaqstant kelli ngħaġġel u nkun lest f'nofs siegħa biex nibda l-mixja mal-bqija tar-raħal.

- Jekk tasal tard, in-nanna mhux se tagħtik rigal meta naslu fuq ix-xatt!

Issa ħadd ma seta' jagħtini r-rigal li ridt. Kien jonqos biss jum ieħor biex inkun l-aktar granċ kuntent fid-dinja. F'daqqa waħda, moħħi beda jberren dwar xi jmissni nagħmel.

Minn naħa waħda, kont naf li ridt nagħti kas ta' ommi, u kont se nieħu gost nqatta' l-ħin ma' sħabi tal-klassi, mal-ħbieb u mal-familja. Imma min-naħa l-oħra, illum kien il-lejl tant importanti għalija, il-lejl tal-istilel.

X'suppost nagħmel ?

Iddeċidejt mela! Ma nistax nasal tard, inkella ommi tibqa' tfakkarhieli ħajti kollha! Immaġina kieku l-argumenti li jkollna kull ikla tal-Milied.

- Hello, Martí, tiftakarha dik is-sena meta kont tard għall-mixja u konna aħna l-unika familja tal-granċijiet ħomor li wasalna tard fuq il-kosta?

Lanqas biss ridt naħseb fuq hekk!

Għalkemm ma kinitx triq twila, kelli nippakkja l-basktijiet tiegħi tajjeb ħafna. Par qalziet 'l hawn, par qliezet ta' taħt 'l hemm...

Imma onestament, ftit kien jimpurtani mill-ħwejjeġ li kelli nitfa' fil-bagalja – moħħi kien xi mkien ieħor, jaħseb fuq il-lejl li kont se nitlef u l-istilel li ma stajtx noqgħod nara ma' Roc.

Kulma jmur, il-ħolma tiegħi kienet qed titbiegħed 'il bogħod minni, u ħassejtni bħallikieku ħadd ma seta' jifhimni, il-familja tiegħi kienu aktar moħħhom fit-tradizzjoni tal-mixja milli f'dak li ridt jien. Imma fl-età tiegħi, ma kellix l-abbiltà li niddeċiedi triqti għalija nnifsi. X'kont se nagħmel mingħajr il-pariri t'ommi u mingħajr l-għajnuna ta' missieri biex nistudja għall-eżamijiet?

Jien u naħseb fuq dan kollu, ħarist lejn l-arloġġ u nħsadt. Kien għad fadal biss għaxar minuti biex tibda l-mixja u kont għadni ma wasaltx fil-Pjazza Ewlenija! Kulħadd kien se jirrabja ħafna jekk ma ngħaġġilx.

Iċċekkjajt għall-aħħar darba jekk kontx ippakkjajt l-affarijiet kollha li kelli bżonn, għalaqt il-bagalja b'inċertezza bħallikieku ħallejt xi ħaġa importanti warajja, u tlaqt niġri 'il barra qisu ħajti kienet tiddependi fuq hekk.

Il-verità hi li l-inħawi ta' fejn noqogħdu, jew aħjar il-foresta li fiha ngħix mal-familja tiegħi, hija sabiħa ħafna. Il-parti favorita tiegħi hija l-għolja maġenb il-ballut, għax hija perfetta biex titla' magħha u tkun tista' tikkontempla l-univers u l-misteri kollha li jaħbi qalb l-istilel tiegħu.

Il-foresta tagħna għandha l-abbiltà li tinbidel skont iż-żmien tas-sena li nkunu fih. Fis-sajf, is-siġar kollha jkunu inkredibbilment ħodor, m'hemmx aħjar milli tintelaq taħt id-dell tagħhom u tnaqqar xi ħaġa.

Minn naħa l-oħra, fil-ħarifa, il-kuluri jinbidlu u jkun hemm taħlita sabiħa ta' kulur isfar, oranġjo u kannella. L-art tkun miksija b'tapit weraq għax Roc u jien konna nitilgħu mas-siġar u nintefgħu fuq munzell weraq bħallikieku kien xi trampolin. X'gost ikun hemm fil-ħarifa fuq il-gżira Christmas!

Fix-xitwa, is-siġar jitilfu l-weraq kollu tagħhom, u jekk tħares 'il fuq, il-foresta tkun qisha qed ixxeqleb lejn is-sema. Jien dejjem nimmaġina li nista' nimxi minn bejn il-weraq u nilħaq il-qamar.

Fl-aħħar, ir-rebbiegħa huwa żmien ta' għaqda. Matul ix-xhur ta' qabel, ħafna granċijiet ma telqux mid-djar tagħhom għax kienu qed iħossu xi ftit tal-bard, u din hija l-gżira Christmas! Ma rridx nimmaġina x'kienu jagħmlu li kieku kienu joqogħdu l-Finlandja. Għalhekk meta terġa' tasal is-sħana, kulħadd jitlaq minn daru u s-suq tar-raħal ikun qisu fiera.

- Haw', Carles! Kemm ili ma narak! Kif kienu x-xitwa u l-ħarifa?
- Hello, Joanna! Domt ftit sakemm erġajt ħriġt mid-dar!
- Wow, Toni! Qisek tliftu l-kulur aħmar li kellek! Issa qisek tagħmel parti mit-tribù tal-granċijiet il-bojod!

- Illallu, Dolors, qisek tqawwejt dawn l-aħħar xhur, hux?

U ħafna kummenti oħra bħal dawn...

Dort lejn Triq il-Ħut u smajt il-kommossjoni ta' elf granċ jistenna bla paċenzja li s-sindku jagħti d-diskors annwali tiegħu fil-pjazza u tibda l-mixja annwali.

Sewwasew fid-daħla tal-pjazza, sibt lil Tina tibki. Għalkemm il-granċijiet jidhru ħafna bħal xulxin, kien impossibbli ma tagħrafx id-dwiefer ta' Tina. Minn mindu twieldet, kellha karatteristika unika. It-truf tal-pinzetti tagħha huma suwed. Qisha bokser!

Tina qiegħda fil-klassi magħna u dejjem iġġib marki tajbin ħafna fl-eżamijiet. Waħda minn dawk li dejjem taħseb li se tfalli, imma mbagħad iġġib l-ogħla marki!

Kemm hi frustranti! Isma', Tina, hemm barra hemm min qiegħed ibati biex ilaħħaq!

Il-verità hi li jien qatt ma kont l-aqwa student imma s-soltu ma nfalli l-ebda eżami. Imma ejja nkunu onesti...dejjem qattajt aktar ħin inħares lejn l-istilel u s-sema milli lejn il-kotba tal-iskola.

Kull darba li kont inkun bit-teleskopju fil-kamra tiegħi u kont nisma' lil ommi tielgħa biex tara kif kont sejjer fl-istudju, kont nagħlaq malajr it-tieqa, naħbi t-teleskopju taħt is-sodda, niġri lejn id-desk u nagħmel wiċċ li qed jikkonċentra. U dan kollu, f'inqas minn minuta!  Fil-fatt, fl-għaġġla u fil-koordinazzjoni, kelli marki tajbin.

Tina kienet qed tibki qisha kellha qalbha miksura. Bdejt naħseb li setgħet "falliet" l-aħħar eżami. Imma ma kienx il-każ!

- Hello Tina, x'ġaralek?
- Hello Martí, ma nistax insib lill-ġenituri tiegħi… Ġejt magħhom għal mixja twila, dort għal sekonda biex insellem ħabib tiegħi u meta ridt immur lura ħdejhom, ma kinux hemm! Ma nafx x'se naqbad nagħmel!
- Tinkwetax Tina. Jenħtieġ li jien immur mal-ġenituri u ma' ħuti. Jekk trid, nistgħu mmorru infittxu lill-familja tiegħek flimkien. Żgur li erba' għajnejn jaraw aħjar minn tnejn.
- Grazzi, Martí!

B'hekk, bdejna l-mixja tagħna f'nofs it-tapit ta' granċijiet li kienu miġmugħin madwar il-pjazza kollha.

Kien hemm ukoll fotografi u ġurnalisti minn madwar id-dinja kollha, lesti biex jieħdu l-aħjar ritratt tal-bidu tal-mixja tagħna lejn il-kosta.

Lil ġenituri ta' Tina ma rajthom imkien, imma kelli nfittex ukoll lill-familja tiegħi. X'sitwazzjoni kumplikata! L-uniku wieħed li seta' jgħini bl-aħjar mod f'din l-avventura kien il-logutenent kmandant tat-tim galattiku tiegħi.

Lanqas lil Roc ma rajt, fl-ebda kantuniera tal-pjazza, imma ma nkwetajtx għax din konna għaddejna minnha xi darbtejn oħra!

F'daqqa waħda, kulħadd siket għax is-sindku ħareġ mill-gallarija tal-kunsill biex jgħid id-diskors tiegħu qabel ma tibda l-mixja. Kien fadal tassew ftit ħin biex tibda l-mixja u kien hemm żewġ granċijiet mitlufa f'nofs il-folla!

Ma stajtx inkun tard u ma narax lill-familja tiegħi. Marelli, jekk ma nkunx hemm fil-ħin...!

- Ħares, Tina, jiddispjaċini ħafna imma l-ġenituri tiegħi u ħuti s-subien qed jistennewni. Qed nibża' li se jkollok tfittex il-ġenituri tiegħek waħdek imbagħad inkunu nistgħu niltaqgħu fuq il-kosta meta nkunu lesti mill-mixja. Barra minn hekk, qed nittama li jekk noħorġu kmieni, illejla nkunu nistgħu nieqfu nħarsu lejn l-istilel.
- Imma Martí x'qed tgħid? Se tħallini waħdi f'nofs dawn il-granċijiet kollha? U jekk xi ħadd iweġġagħni? U jekk ma nkunx nista' nsibhom lill-ġenituri? Jew jekk jirfsuni u jiksruli l-pinzetti?
- U ejja Tina! Tgħidx ċuċati! Ejja nagħmlu patt, jekk ma ssibx il-ġenituri tiegħek f'għaxar minuti, tista' tingħaqad mal-familja tiegħi u nimxu flimkien!
- Buli! Ejja nagħmlu hekk!

F'daqqa waħda kulħadd siket, is-sindku ħareġ mill-gallarija u beda d-diskors inawgurali tiegħu.

- Hello? Hello? Qed tisimgħuni? 1, 2, 3… 1, 2, 3…
- Ejja, għid! Ibda jekk għandek għax irridu nitilqu! – qalet Carme, il-parrukkiera tal-granċijiet tal-belt.
- Nilqagħkom għall-mixja numru tliet mija u tnejn u erbgħin. Marelli! Kemm-il sena ilna għaddejjin b'din it-tradizzjoni! Kif tafu, din il-mixja hija l-aktar waħda importanti tas-sena. Żgħażagħ tal-belt! Ħudu din l-opportunità biex issibu sieħeb jew sieħba tajjeb għalikom!

Il-mixja se tkun twila, imma flimkien, se nagħmluha l-aktar waħda pjaċevoli! Il-mixja hija inawgurata! Ejjew granċijiet ħomor mill-gżira Christmas, il-bajja qiegħda tistenniena!

Kulħadd qabad jgħajjat u jċapċap. Kienet xi ħaġa tad-daħk li tara lil dawk il-granċijiet kollha bil-bagalji, basktijiet, backpacks, siġġijiet, televiżjonijiet, u anke friġġijiet! O Mulej! Dawn il-granċijiet kienu preparati sew!

- Martí! Aħna hawn! Għaġġel! Għal ruħ min għandek mejjet! Għaliex trid tkun dejjem tard? Xi pjaċir! Li ma narax lil familti – Kont għajjejt inkun magħhom kuljum, imma minħabba Roc, il-logutenent kmandant tal-missjonijiet spazjali, qattajna kuljum wara l-iskola magħhom!

- Roc! X'qed tagħmel hawn?
- Martí! Mort id-dar tiegħek biex nara kontx qiegħed hemm biex niġi miegħek imma rajt li l-bieb kien magħluq, għalhekk iddeċidejt li nfittex il-ġenituri tiegħek fil-Pjazza Ewlenija.
- X'ħasra Roc... Illum kien il-jum tagħna! Il-jum tal-istilel! X'tip ta' astronawti nkunu jekk ma narawx il-blalen il-kbar fis-sema llejla?
- Għalhekk kont sejjer id-dar tiegħek, ċuċ! Ridt nipproponilek pjan perfett biex ma tmurx il-mixja u tkun tista' tara l-istilel illejla minflok.
- X'qed tgħid? Jien kelli l-istess idea... Imma kif qed tara... Mur għid lil ommi li mhux se nagħmel il-mixja din is-sena… Naqta' l-pinzetti barra!

Kien impossibbli nisma' lil sieħbi qalb daqstant nies jgħajtu, jiġbru l-bagalji, jitkellmu u jgħannqu l-ġirien tal-belt bħallikieku qatt ma kienu raw lil xulxin u jirranġaw id-dehra tal-granċijiet iż-żgħar tagħhom, fil-każ li jkollhom ix-xorti tajba li jsibu sieħeb... Kulma ridt jien kien li noħroġ minn dak il-post stupidu ma' Roc u nkun nista' nitkellem fil-kwiet. F'daqqa waħda ġietni idea.

- Mà, meta tibda l-mixja, tistgħu tibdew timxu, jien u Roc se noqogħdu ftit lura ħalli ningħaqdu ma' sħabna tal-klassi.
- Ismagħni, Martí, jekk tintilef u ma twassalx sat-tmiem illejla, ma nafx x'se nagħmillek!
- Tinkwetax, kollox se jmur tajjeb!

Wasal il-ħin. Daqqet il-qanpiena tas-sala tal-kunsill tal-gżira u kulħadd beda jiġri lejn ix-xatt.

- Issa ċ-ċans, Roc! Stenna lil kulħadd jimxi 'l quddiem ħalli nkunu nistgħu nitkellmu dwar il-lejl tal-istilel.

U fil-fatt, f'tebqa t'għajn, il-Pjazza Ewlenija kienet vojta għalkollox u mimlija konfetti. Stajt tara wkoll tip ta' tebgħa ħamra fl-art.

- Tina! X'qed tagħmel hawn?
- Martí, Roc! Kemm jien ixxurtjata li sibtkom! Ma stajtx insib lill-ġenituri tiegħi, daqqet il-qanpiena, kulħadd  beda jiġri u jien spiċċajt waħdi!
- Tinkwetax Tina, tista' tiġi magħna, sakemm...il-pjan tagħna jaf ma jogħġbokx...
- Għaliex m'għandux jogħġobni l-pjan tagħkom? Ejjew inħaffu! L-oħrajn diġà bdew il-mixja! Se nkunu tard! Għinuni bil-basktijiet! Ejja, guys! Iċċaqalqu!
- Sempliċiment... kif għidtlek – taf li aħna l-aqwa astronawti futuri fid-dinja... u llum biex naraw... illum... huwa l-jum...
- Eżatt! Illum huwa jum il-mixja! X'inhi l-problema?
- Le, le... illum huwa l-lejl tal-istilel, lejl uniku fejn tista' tara l-istilel ġganteski fis-sema... ma rridux nitilfuha... għalhekk... iddeċidejna li...
- Ara biss tgħaddilkom minn moħħkom… Li ma tiġux il-mixja? Imma min taħsbu li intom? Din tassew idea ħażina!
- Isma', Tina… tista' tara fejn marru l-granċijiet l-oħra, mhux se tkun ikkumplikata għalik biex issegwi l-itinerarju.

- Jien, waħdi? M'għandkomx ċans! Se tħallu tfajla żagħżugħa waħedha f'din il-foresta mimlija dud, brimb u friefet il-lejl diżgustanti? Ara biss taħsbuha! Intom ġejjin miegħi!

X'sitwazzjoni iebsa kienet dik! Naħseb f'ħajti kollha qatt ma smajt lil xi ħadd jgħid 'le' lil Tina. Tina! Tina l-aqwa waħda! Imma kif dejjem ngħidu, il-futur tagħna ħafna iżjed importanti mill-insistenza ta' granċ.

Ħarist lejn Roc b'għajni x-xellugija, nistennieh li jtenni l-ewwel kelma hu. Ħares lejja bħal qisu ried jgħid "Kaptan, inti l-magna tal-ispaceship tagħna, int trid tieħu d-deċiżjonijiet, int se tkun inkarigat biex tkellem lill-mostru Tina, li ġejja mill-pjaneta tal-granċijiet li jbiddlu l-burdata malajr."

Ma kellix għażla ħlief li ngħodd sal-għaxra u nibda nitkellem.

- Ħares, Tina, aħna tassew nixtiequ niġu miegħek imma għandna xi ħaġa oħra x'nagħmlu... Min se jispjega lill-bqija tar-raħal dwar il-lejl il-kbir tal-istilel? Barra minn hekk, l-ispaceship tagħna huwa kbir biżżejjed għalina. L-ebda persuna, jew granċ f'dan il-każ, għadu ma okkupa l-pożizzjoni ta' kaptan ta' spaceship. Inti intelliġenti ħafna fil-klassi, u fil-futur, meta mmorru fuq il-qamar, int tkun ideali biex tiggwidana fl-ispazju.
- Jien? Pilota tal-ispaceship? Bis-serjetà?
- Aħseb fuqha... din opportunità ta' darba.

Issa x'suppost jiġri?

1. Tina għandha taċċetta l-idea ta' MartÍ u Roc u t-tlieta li huma għandhom imorru jaraw l-istilel → MUR HAWN : L-ASTRONAWTA MARA
2. Tina għandha tħalli liż-żewġt iħbieb tagħha u timxi għal rasha. MUR HAWN : Il-VJAĠĠ TA' TINA (pġ 22).
3. Is-subien għandhom jiddeċiedu li jakkumpanjaw lil Tina u jimxu f'daqqa biex jingħaqdu fil-mixja mal-granċijiet l-oħra. MUR HAWN : IT-TIM GALATTIKU QIEGĦED FUQ VJAĠĠ

L-Astronawta Mara

- Intom imġienen, guys! Kif triduni nkun il-kaptan tal-ispaceship tagħkom? Jekk lanqas biss naf insuq dgħajsa!
- Tinkwetax, Tina! Trid titgħallem kollox fil-ħajja, oħt! Il-bajjiet ma mtlewx bir-ramel f'jumejn!
- Ieqaf b'dan iċ-ċajt! M'intix tara x'ġaralna? Tlifna l-mixja! Ommi se tirrabja ħafna malli tara li m'iniex qiegħda hemm! Kemm se tinkwieta! U missieri? X'se jgħid? Barra minn hekk, biddilt sabiħ għall-mixja... Ridt nidher fuq il-qoxra ta' kull rivista... Immaġinaw it-titli ewlenin:

  *'Eleganza u distinzjoni. Din hija Tina, l-isbaħ granċ fuq il-Gżira Christmas."*

- U inti dik l-istess waħda li dejjem tgħidilna li noħolmu bl-istilel? – qal Roc.
- Tina, aħseb għall-ftit dwar it-titli ewlenin li se jagħmlu fil-futur, il-mument meta tliet granċijiet qalbiena jqabbdu diffrejhom mal-qamar. Immaġina kemm tkun tidher sabiħa! U mhux fuq il-qoxra ta' barra tal-gazzetti tal-gżira tagħna biss, imma mad-dinja kollha!
- U… jarani kulħadd?

- Kulħadd, Tina! Kullimkien! Kullimkien! Fil-pajjiżi u fl-ibliet kollha! Se nkunu l-aktar granċijiet famużi fid-dinja! Jagħmlu strixxuni b'wiċċna, jpoġġu isimna fil-pjazez tal-ibliet l-aktar importanti…
- O Mulej! Anke naħseb fuqha, inħoss wiċċi jiħmar! Tajjeb, naqbel! Imma għandi numru ta' kundizzjonijiet li tridu ssegwu, peress li jien se nkun l-unika mara li nagħmel parti mill-ekwipaġġ tal-ispaceship.
- Dażgur! Dak kulma ridna nisimgħu! L-aħħar waħda li ngħaqadt magħna u trid tkun l-istilla tat-tim! – qal Roc.
- U ejja, Roc! Ejja nisimgħu x'għandha xi tgħid! Ma nistgħux inħalluha waħedha f'din il-belt abbandunata.
- Kollox sew, mela... L-ewwel kundizzjoni: irridu noħolqu żifna għat-tim tagħna.
- Żifna? Imma jekk jien anke f'saqajja stess naqa'! Kif tridni niżfen! Aħna astronawti, mhux atturi! – qal Roc
- Dik l-ewwel kundizzjoni, aċċettajtuha? Mhu qed nisma' lil ħadd jgħid le... Mela se ngħaddi għat-tieni waħda.
- Imma kemm-il kundizzjoni trid tagħmel din it-tifla? Staqsa Roc, hu u jħares lejja b'wiċċu mqarras.
- Waħda oħra, għalissa. It-tieni kundizzjoni hija li kull meta tindirizzawni waqt missjoni, tridu ssejħuli "Il-Mara Astronawta".
- Din x'ċuċata hi, Tina! – reġa' gerger Roc.
- U ejja, Roc! Setgħu kienu agħar! Naċċettaw, Tina! Uffiċjalment inti tagħmel parti mit-tim galattiku tagħna!
- Orrajt, ħaġa oħra...
- Tina! Hawnhekk jien il-kaptan! L-ewwel ħaġa li jeħtieġ li nagħmlu hija li mmorru d-dar u nħejju ruħna għal-lejl. Dan l-aħħar, fuq it-TV smajt li l-istilel se jibdew jidhru fit-tmienja ta' filgħaxija, u bħalissa l-ħamsa. Għandna tliet sigħat biex nippakkjaw il-basktijiet tagħna u nerġgħu niltaqgħu.

- Buli, mela, qal Roc. Jien se nieħu miegħi s-siġġu u l-pitazz, int Martí ġib it-teleskopju u l-ikel u int Tina... peress li ma konna għadna qabbadna lil ħadd għat-tqassim tal-materjal, tista' ġġib il-ħelu u l-biskuttini.
- Kif sejjaħtli, Roc?
- Skużani - qal Roc irrabjat – jekk jogħġbok, ġib ftit ħelu u biskuttini għażiża Mara Astronawta.
- Famuż! Ħalli f'idi!
- Tajjeb ħafna! – għidt jien – niltaqgħu daqs siegħa oħra quddiem il-bieb tad-dar tiegħi biex immorru fuq l-għolja ta' ħdejn il-ballut u nkunu nistgħu naraw l-istilel! X'eċitament!

Għidt ċaw lit-tim galattiku l-ġdid tiegħi u rħejtilha lejn id-dar biex inlesti l-affarijiet... Kienet ta' sorpriża għalija li nimxi fit-toroq u nara l-belt daqshekk kwieta. Il-gżira tagħna kienet dejjem għaddejja, u kull fejn tmur, stajt tisma' lil xi ħadd jidħak jew jilgħab.

Id-dar tiegħi kienet silenzjuża għalkollox. Saħansitra kont xi ftit imbeżża' nidħol, anke jekk kont naf fiċ-ċert li ma kien hemm ħadd. Mort fil-kamra tiegħi u qbadt it-teleskopju li kelli taħt is-sodda.

Malli ersaqt lejn il-kċina biex inġib l-ikel li kont preparajt u ħbejt għal dak il-lejl, smajt il-passi ġejjin minn ġewwa. Iffriżajt. Kif jista' jkun kien hemm xi ħadd jekk kulħadd kien il-mixja? Bdejt naħseb fl-agħar ħaġa li setgħet tiġri… Forsi kien xi mostru li ġie biex jikkastigani talli ma mortx ma' familti... Forsi kien xi ħalliel li ħa l-opportunità jidħol fid-djar tan-nies kif ma kinux hemm… Forsi kienet l-għalliema tal-Ġeografija marittima li kienet ġiet għall-karta tal-eżami li fallejt minnha u li kont ħbejt fil-kċina biex ommi ma ssibhiex...

- Hello? Hemm xi ħadd? Jekk inti xi mostru, għandi teleskopju enormi f'idi li qed nippjana nwaddbu għal rasek jekk tersaq lejja. Jiena perikoluż ħafna, naħliflek!

Jien, perikoluż! X'banalità! Meta kont qed nitkellem, leħni u saqajja bdew jirtogħdu bil-biża'!

Meta semagħni, is-suspettat, ma kienx hemm ħossu u ma bdejt nisma' xejn, sakemm f'daqqa waħda...

- Martí? Dak int?
- Carles? X'inti tagħmel hawn?

Carles kien ħija ż-żgħir, fil-każ li ma kontux tafu.

- Għax bdejt nibża' immur il-mixja... taf li meta jkun hemm ħafna nies madwari inħossni nervuż... is-sena l-oħra għaddejt minn żmien ħażin…
- Int miġnun? Malli ommna ssir taf li la int u lanqas jien m'aħna mexjin, se jaqgħulna l-pinzetti!
- Imma issa li qed naħseb... x'qed tagħmel hawn? Qabel għidtli li kont għadek kif ippakkjajt il-basktijiet u kont se taħrab!
- Mela, il-verità hi li jien, Roc u Tina ħerqanin biex naraw il-lejl tal-istilel.
- Tina? Għaliex qiegħda magħkom, Tina?
- Storja twila, Carles. Xi darba nispjegalek.
- F'dak il-każ, jien ġej miegħek! Ma rridx noqgħod id-dar waħdi bil-lejl!
- Ara biss taħsibha! Ma tistax tiġi miegħi u ma' sħabi! Wisq imbarazzanti! U fuq kollox, irrid noqgħod nieħu ħsiebek il-ħin kollu u ma nkunx nista' ngawdi l-istilel!
- Tagħmilx hekk, Martí, ejja! Ħudni miegħek! Mhux se niftaħ ħalqi nwiegħdek u nagħmel dak kollu li tgħidli.

Issa sew...! X'suppost nagħmel issa?

1. Naċċetta lil Carles. MUR HAWN : IL-MEMBRU L-ĠDID
2. Nirrifjuta lil Carles. MUR HAWN: IL-LEJL TAL-ISTILEL

Il-membru l-ġdid

Barra minn hekk, kien se jkolli biżżejjed inkwiet meta ommi tiġi lura u tara li kont ħallejt lil ħija ż-żgħir waħdu d-dar. Carles ħares lejja b'għajnejn ta' ħaruf u ma kellix għażla ħlief li nħallih jiġi magħna.

- Tajjeb, ok, tista' tiġi.
- Grazzi! X'eċitament!

- Għadni m'iniex lest! Trid tisma' minni l-ħin kollu u ma rridekx targumenta ma' Roc, jew ma' Tina, jew miegħi, insomma proprja l-aħjar ħaġa tkun li ma titkellimx ħafna matul il-lejl u hekk ma jiġri xejn.
- Inżomm ħalqi magħluq, inwiegħdek!

It-tim tiegħi kien lest bil-bagalji kollha biex nibdew l-avventura tagħna. F'daqqa waħda, xi ħadd ħabbat fuq il-bieb. Mill-mod ta' kif ħabbat, indunajt li kien Roc. Min aktar seta' jħabbat skont il-melodija ta' Star Wars? Ftaħt il-bieb u t-tim tiegħi kien lest bil-bagalji kollha biex nibdew l-avventura tagħna.

- Ħbieb, irrid ngħidilkom li għandna żieda ġdida għall-ispedizzjoni. Wasalt id-dar u sibt lil ħija Carles jistaħba fil-kċina.
- Hello Roc, hello Tina - qal Carles.
- X'inti tagħmel hawn tfajjel żgħir? – qalet Tina.
- Hej, jien m'iniex żgħir! Għandi kważi sitt snin u jiena l-itwal mill-klassi tiegħi!
- Lanqas nista' nemmen! X'jum dak! Tista' tiġrilna xi ħaġa oħra aktar stramba minn hekk? - qal Roc.
- Tinkwetax, diġà kellimtu u l-affarijiet huma ċari, hux veru Carles?
- Imma, Martí, intom kollha għandkom funzjoni fl-ispaceship! Jien x'se nagħmel? Nista' nkun l-ewwel uffiċjal? Le, le, jkun aħjar jekk inkun il-logutenent tal-battalji galattiċi?
- Tista' tkun dak li tnaddaf l-art, jekk trid! – għidt jien.

Kollha kemm aħna dħakna u rħejnilha għall-għolja li minn fuqha konna se naraw l-istilel. Fis-sema ma kienx hemm sħaba waħda, qisu kien qed jistenna li aħna nkunu l-uniċi privileġġati mill-gżira sħiħa, li nosservaw il-lejl tal-istilel.

Fl-aħħar irnexxielna, mhux kif konna ħsibna li se tkun fil-bidu imma fl-aħħar, stajna naraw avveniment storiku! Minjaf kemm-il darba se ngħidha din l-istorja lill-granċijiet l-oħra meta jiġu lura mill-mixja! Kemm se jgħiru għalina!

Is-sema beda jiddallam.

Mill-għolja stajt tara l-gżira kollha. Kien tassew ta' sorpriża li naraw il-parti fejn aħna, l-granċijiet ngħixu, li kienet mimlija natura u veġetazzjoni kif ukoll il-parti kostali fejn il-bnedmin kienu bnew lukandi lussużi u toroq ta' kull tip. Il-verità hi li kieku ma nbiddel xejn mill-parti tal-gżira tiegħi għall-ebda ħaġa oħra fid-dinja! Dawn il-bnedmin qed jeqirdu kollox!

- L-aħwa! Il-ħin kważi wasal! Fadal biss tletin minuta oħra! Martí, prepara t-teleskopju!!

Għamilt dan b'ħeffa. Kont ipprattikajt ħafna għax kemm-il darba ftaħtu u għalaqtu fil-kamra tiegħi, u ridt nagħmel dan malajr kemm jista' jkun biex ommi ma tindunax li kont qed inqatta' aktar ħin inħares lejn l-istilel milli lejn il-kotba tal-iskola.

Għaddiet nofs siegħa u ma tantx nista' niddeskrivi fi kliem dak li ħassejt malli rajt dak l-ispettaklu fl-univers. L-istilel dehru joqorbu lejn id-dinja b'tali mod li d-dawl tagħhom dawwal lill-gżira bħallikieku kien il-ħin ta' nofsinhar.

- Liema stilla togħġbok l-aktar? - staqsiet Tina.
- Din li hawn eżatt fuqna togħġobni! - wieġeb Carles – Qisu hemm tbissima mpinġija fuqha!
- Jiena kollha jogħġbuni! – għidt jien – U żommu f'moħħkom li la nikbru, se nirbħuhom kollha! Kulħadd se jibda jitkellem fuqna!

Mimdudin fuq daharna u żaqqna, niċċassaw lejn is-sema, qattajna ftit ħin bla nitkellmu biex ingawdu biss l-istilel.

Ftit ftit, il-lejl bela' l-jum u s-sema dehret qisu festin tal-bżieżaq. L-istilel kollha kienu donnhom qegħdin ikellmuni.

- Martí! Iġġieled għall-ħolm tiegħek!
- Aħna ċerti li inti se tkun l-aktar astronawta famuż tad-dinja!
- Taqtax qalbek! Għandek tagħmel dak li tħobb u mhux dak li jgħidulek l-oħrajn!

Parir wara parir, l-istilel għarrfuni li kont għamilt id-deċiżjoni t-tajba, li l-mixja kienet issir kull sena, u li spettaklu bħal dak ma setax jintesa.

Tfal, ħafna mid-drabi fil-ħajja niltaqgħu ma' sitwazzjonijiet li jġegħluna niddeċiedu xi rridu nagħmlu u dak li rridu nkunu fil-ħajja. Dejjem agħżlu b'qalbkom għax dik qatt ma tigdeb.

Trid tkun inġinier? Iġġieled għaliha!

Trid tkun wejter? Iġġieled għaliha!

Trid tkun plejer tal-futbol? Iġġieled għaliha!

Trid tkun żeffien? Iġġieled għaliha!

Iżda dejjem ftakar li l-aqwa ġlieda hija dik li tintrebaħ bil-perseveranza, bix-xogħol iebes u bil-paċenzja.

Titlef qatt l-essenza tiegħek! Ibqa' sod f'dak li inti u fejn tixtieq tmur, ħalli ħadd ma jeħodlok dak il-privileġġ.

Ħabib li għolla rasu biex iħares lejn l-istilel u lejn id-dinja kollha li kellu quddiemu, Martí.

TMIEM

Il-lejl tal-istilel

- Għidtlek le, Carles! Ieqaf insisti! M'intix parti mit-tim galattiku, u kieku toqgħod iddejjaqna l-ħin kollu. Illum lejl leġġendarju għalina, u mhu se nħalli lil ħadd u xejn jirrovinahulna!
- U ejja, Martí… Kemm-il darba għidt lil ommi li kont inti li wassaltni d-dar mill-iskola imma fil-verità tkun mort tagħmel l-affarijiet tiegħek ma' Roc?
- Toqgħodx theddidni, Carles! Jien ħuk il-kbir u ż-żgħar iridu jobduna!
- Tajjeb, ma naħsibx li jkun ġust li jkolli ngħid li jekk ma niġix miegħek illejla, se tmur tgħid kollox lill-mamà!

Il-ħoss tal-bieb ta' quddiem interrompielna l-argument.

- Hello! Hemm xi ħadd? Martí! Aħna hawn!
- L-aħwa! Idħlu! Aħna qegħdin fil-kċina!
- Aħna?? Mela m'intix waħdek?

Feġġew Tina u Roc bil-materjal neċessarju kollu għall-aqwa lejl!

- X'qed tagħmel, Carles?
- Ma ridtx immur il-mixja… allura nħbejt taħt is-sodda… Ħadd ma nduna li kont qiegħed hemm!
- Ommkom se tkun tassew irrabjata meta ssir taf li t-tnejn li intom qgħadtu d-dar!

- Tesaġerax! – Għidt lil Roc.
- U x'għandna nagħmlu b'Carles? Ma jistax jiġi magħna, għadu wisq żgħir u bil-lejl...fil-foresta jkun hemm wisq dlam, u x'nagħmlu jekk jintilef!
- Hekk kont qed ngħidlu! Aħjar tmur fis-sodda u jien niġi lura meta nkunu lesti mill-istilel.
- Jekk jogħġbok tħallinix waħdi! Nibża' noqgħod waħdi d-dar filgħaxija! Ommi tgħid li hemm brimba enormi fit-toroq tiekol id-dwiefer tal-granċijiet li ma jagħtux kas tal-ġenituri tagħhom...u jien ma tajtx kashom... immaġina toħroġ għal għarrieda u tikolni.
- Tgħidx ħmerijiet, Carles! - qalet Tina. – Jgħidulek dawn l-affarijiet biex iġġib ruħek sew u tagħti kashom! M'hemmx brimb enormi! Ejja, m'aħniex f'xi film tal-biża'.
- Tim tal-ispazju! Għandna laqgħa fil-kamra tas-sodda tiegħi!

Il-logutenent kmandant, il-Mara Astronawta , u jien, il-kaptan tal-ispaceship, ppruvajna niddeċiedu x'kien l-aħjar pjan għall-ħija.

- X'se nagħmlu?
- Ma jistax jiġi magħna! M'għandux ċans! - qalet Tina – Xbajt nieħu ħsieb żewġt itfal żgħar bħalkom!
- U ejja Tina, tagħmilx hekk! Nafu li għamel ħażin li ma marx il-mixja - wieġeb Roc – Imma ħares lejna... kif tgħid nannti, min hu bla ħtija jitfa' l-ewwel ġebla. Aħna lanqas ma tajna kas tal-familji tagħna għax ridna naraw l-istilel.
- Dak arawh intom! Jiena qiegħda hawn minħabba traġedja! - qalet Tina.
- Ejja nagħmlu biċċa xogħol, Carles jiġi magħna fuq kundizzjoni waħda – li jġib ruħu sew! Jiena ċert li se jobdi, hu tifel sew!
- Nagħmlu dak li għandna nagħmlu, imma rridu niddeċiedu issa għax nofs siegħa oħra jibdew jidhru l-istilel.

Wara ħafna argumenti, fl-aħħar iddeċidejna li ma naċċettawx li Carles jiġi magħna peress li jekk jiġi jaf joħloq problema mal-familja tiegħi.

Forsi tistgħu taħsbu li ma ġibtx ruħi sew ma' ħija imma ifhmuni… Il-ħolm u l-futur tiegħi huma tassew importanti għalija…

U allura, jien u sħabi qbadna kollox u bdejna nimxu lejn il-quċċata tal-għolja...

- Tassew eċitat li qiegħed hawn magħkom. Kien verament diffiċli għalina li naslu s'hawn u matul it-triq kellna nieħdu deċiżjonijiet li ma kienu faċli xejn, imma issa hawn qegħdin!

Mimdudin fuq daharna u fuq żaqqna niċċassaw lejn is-sema, qattajna ftit ħin bla nitkellmu, ma kienx hemm bżonn. Ftit ftit, il-lejl bela' l-jum u s-sema deher qisu festin tal-bżieżaq. L-istilel kollha kienu donnhom qegħdin ikellmuni.

- Martí! Iġġieled għall-ħolm tiegħek!
- Jien ċert li inti se tkun l-aktar astronawta famuż tad-dinja!
- Taqtax qalbek! Għandek tagħmel dak li tħobb u mhux dak li jgħidulek l-oħrajn biex tagħmel!

Parir wara parir, l-istilel għarrfuni li kont għamilt id-deċiżjoni t-tajba, li l-mixja kienet kull sena, u li spettaklu bħal dak ma jistax jintesa.

Tfal, ħafna mid-drabi fil-ħajja niltaqgħu ma' sitwazzjonijiet li jġegħluna niddeċiedu xi rridu nagħmlu u dak li rridu nkunu fil-ħajja. Dejjem agħżlu b'qalbkom għax dik qatt ma tigdeb.

Trid tkun inġinier? Iġġieled għaliha!

Trid tkun wejter? Iġġieled għaliha!

Trid tkun plejer tal-futbol? Iġġieled għaliha!

Trid tkun żeffien? Iġġieled għaliha!

Iżda dejjem ftakar li l-aqwa ġlieda hija dik li tintrebaħ bil-perseveranza, bix-xogħol iebes u bil-paċenzja.

Titlef qatt l-essenza tiegħek! Ibqa' sod f'dak li inti u fejn tixtieq tmur, ħalli ħadd ma jeħodlok dak il-privileġġ.

Ħabib li għolla rasu biex iħares lejn l-istilel u lejn id-dinja kollha li kellu quddiemu, Martí.

TMIEM

Il-vjaġġ ta' Tina

- Mhux se nkun il-pilota tal-ebda spaceship! Ieqfu b'dawn il-mutetti! Intom it-tnejn ibqgħu hawn! Issa stess, se mmur infittex il-ġenituri tiegħi, se jikkastigawni u se jkolli nagħmel xi xahar mingħajr il-kożmetiċi tal-make up!
- Agħmel dak li taħseb li hu tajjeb, Tina. Imma ftakar, jekk inti u sejra tintilef u ma tkunx taf fejn se taqbad tmur, illejla aħna nkunu għadna fil-belt biex naraw l-istilel.
- X'żewġ ħalliema! L-istilel, qalu ħej! Jien l-istilel narahom kuljum mill-kamra tiegħi...
- Imma Tina, trid tifhimna... Inti x'tixtieq issir la tikber?
- Jien? Din x'mistoqsija hi! Mudella bla dubju!
- Mela immaġina għal ftit li f'daqqa waħda jgħidulek li dal-lejl se jkun hemm spettaklu tal-immudellar fir-raħal imma kulħadd se jmur il-mixja... X'tagħmel kieku?
- X'jiġifieri? Naqbad l-aċċessorji tal-make up kollha tiegħi u nistaħba taħt is-sodda!
- Eżatt, hekk qed nagħmlu aħna, Tina. Il-ħolma tagħna hija li nsiru astronawti u llum huwa wieħed mill-aktar iljieli importanti fl-istorja.
- Kollox sew… jekk inħares lejha min dan il-lat… jaf għandkom raġun… madankollu xorta se nippakkja l-basktijiet u nipprova nsib il-familja tiegħi!

Minn nofs il-pjazza, rajna lil Tina timxi 'il bogħod lejn il-kosta. Kien ikun ta' pjaċir li jkollna membru ieħor fl-ekwipaġġ... imma tim tajjeb ma jistax jiġi ffurmat f'jum wieħed!

Tina qabdet il-basktijiet tagħha u bdiet tiġri magħhom. Kienet tassew tad-daħk tħares lejha tieqaf kull żewġ minuti biex tħares lejha nnifisha fil-mera u tiċċekkja li l-make up kien għadu perfett, għax ħoll xagħrek u ġib iż-żejt li kieku wieħed mill-granċijiet kellu jaraha kerha.

Minn dak li kienu qalulha l-ġenituri tagħha, l-ewwel waqfa kellha tkun is-siġra tal-arżnu l-kbira. Ma kinux isejħulha hekk għax kienet l-unika siġra tal-arżnu kbira fuq il-gżira. Kien hemm bosta siġar tal-arżnu kullimkien, imma dik il-waħda kienet kbira d-doppju tal-oħrajn... Kienet enormi!

Tina ddeċidiet li tieħu pawża biex tixrob ftit ilma, tirranġa l-make up u tistrieħ għal ftit minuti. Hija mteddet fuq il-ħaxix u għalqet għajnejha.

Meta reġgħet fetħithom, is-sema deher differenti... Kienet raqdet! F’daqqa waħda bdiet tħossha nervuża. X’kien ġara? Imma l-lejl ta’ qabel kienet raqdet ħafna! Hija qabdet il-bagalja minnufih u bdiet tħares madwarha biex tara fejn kellha tmur.

Il-problema kienet li lanqas it-triq minn fejn kienet ġiet ma ftakret. Il-mogħdijiet kollha kienu jidhru l-istess.

- Intlift! Għinuni, jekk jogħġobkom! Fejn qiegħda? Hawn xi ħadd?
- Shhh! Hawn xi nies qed jippruvaw jistrieħu!

Tina tant għajtet li kienet ċerta li Roc u Martí  setgħu jisimgħuha mill-pjazza tar-raħal.

- Min qed jitkellem? Min hemm?
- X’jiġifieri min hemm? Jien, Mercè, iż-żring tal-għadira! X’inhu jagħmel granċ aħmar waħdu f’dawn il-foresti? Il-mixja għaddiet minn hawn sagħtejn ilu! Ara kemm tidher maħmuġa l-għażiża għadira tiegħi issa!

Hija ħarset madwarha u rat għadira żgħira bi żrinġ ġo fiha.

- Il-waranofsinhar it-tajjeb, Sinjura Mercè. Kelli problema waqt il-mixja u kelli nitlaq qabel. Poġġejt fejn siġra biex nistrieħ, imma rqadt u issa ninsab mitlufa! Issa x'se nagħmel? X'ħasra!
- Tibkix! Fejn għandek bżonn tmur?
- Irrid immur lejn is-siġra tal-arżnu l-kbira, il-granċijiet hemm se jieqfu l-ewwel. Tista' tgħini?
- Is-siġra tal-arżnu l-kbira? Hija ftit 'il bogħod minn hawn... u kważi dalam. Ma nissuġġerilekx li tmur fil-foresta waħdek f'daż-żmien tas-sena. Tkun mimlija gremxul u ħniex diżgustanti li flimkien jagħmlu riħa tinten ta' annimali.
- Jaħasra! Messni bqajt ma' Roc u Martí nara l-istilel…
- Roc u Martí? Min huma?
- Sħabi tal-klassi li lanqas ma marru l-mixja llejla għax riedu joqogħdu jaraw is-sema. Imma issa mhux importanti. Tista' tagħmilli mappa biex tiggwidani lejn is-siġra tal-arżnu l-kbira?
- Il-lejl tal-istilel! Veru! Dak illejla se jkun! Kont għoddni nsejt! Jiena wkoll dilettant tal-astronomija! Jenħtieġ li tara kif jidhru l-istilel mill-għadira tiegħi! M'hemmx post aħjar fid-dinja biex tirrilassa u tikkontempla s-sema! L-unika ħaġa ħażina hija s-solitudni... Għajjejt nara l-istilel waħdi, bla ma jkolli lil ħadd min jgħidli liema waħda togħġbu l-iżjed... Qed tifhem? M'hemm xejn agħar fil-ħajja milli li ma jkollokx ma' min taqsam il-passatempi tiegħek...
- U ma tistax tiġi miegħi jekk jogħġbok?
- Jien? Le tafx! Qiegħda tajba ħafna fejn jien!
- Nistgħu nagħmlu patt, ara x'taħseb... Jekk tiġi miegħi sas-siġra tal-arżnu l-kbira biex niltaqa' mal-familja tiegħi, nwiegħdek li ma tarax l-istilel waħdek illejla! Nibqa' miegħek u nkunu nistgħu naraw il-lejl tal-isferi ġganteski flimkien!
- Nara l-istilel ma' xi ħadd? Offerta tajba ħafna kieku... imma...
- Trid tgħidli xi ħaġa, għax jekk ma tiġix miegħi ndur u mmur lura ma' Roc u Martí… Nippreferi ma mmurx għall-mixja biex ma nintilifx... għalkemm hija ħasra... kemm biddilt

sabiħ għall-granċijiet li m'għandhomx sieħeb... Imma l-verità hi li sħabi għandhom bżonn membru tal-ekwipaġġ ġdid għall-spaceship tagħhom...

- Bħalissa qiegħda nofs triq. Jekk tmur lura, tkun tista' tmur ma' sħabek tal-klassi, u jekk timxi 'l quddiem, tkun tista' tasal sas-siġra tal-arżnu l-kbira. Inħalli f'idejk. Jiena lesta niġi miegħek sas-siġra tal-arżnu l-kbira u naraw l-istilel flimkien, imma inti trid tiddeċiedi għalik innifsek.

Tina kienet f'sitwazzjoni kkumplikata – li tmur lura l-belt u tara l-istilel ma' Roc u Martí kienet idea tajba ħafna għax imbagħad setgħet issir parti mit-tim tal-ispazju, imma min-naħa l-oħra, li timxi maż-żrinġ Mercè sas-siġra tal-arżnu l-kbira, biex jaraw l-istilel f'daqqa u tiltaqa' mal-familja tagħha, wkoll kienet għażla tajba ħafna.

- Fl-aħħar mill-aħħar se nagħmel hekk...

1. Immur lura ma' Roc u Martí biex naraw l-istilel flimkien. MUR HAWN: LURA FIL-BELT
2. Nimxi maż-żrinġ Mercè sas-siġra tal-arżnu l-kbira. MUR HAWN: EJJEW IMMORRU LEJN IS-IS-SIĠRA TAL-ARŻNU L-KBIRA

Lura fil-belt

- Ħares Mercè, sħabi Martí u Roc ittrattawni tajjeb ħafna u għenuni ħafna wkoll. Naħseb li nafhom pjaċir u għalhekk se jkolli mmur magħhom... min se jsuq l-ispaceship tagħhom meta jmorru fuq il-qamar? Barra minn hekk, bir-rapporti tat-televixin li qed isiru, wiċċi s-sabiħ se jkun qed jidher f'kull gazzetta fil-pajjiż... x'jien ngħid... fid-dinja! Għax Mercè, ħa ngħidlek, il-ħolma tiegħi hija li nsir mudella u nimxi fuq il-catwalks kollha bl-aħjar ilbies fid-dinja! Diġà qed nimmaġina aktar minn mitt ġurnalist jistaqsuni għar-ritratti l-ħin kollu...
- Famuż… jinstema' pjan perfett… Jien se nibqa' hawn… nara l-istilel waħdi… Nittama li l-karriera artistika tiegħek tmur tajjeb…
- Trid tiġi miegħi? Ċerta li sħabi se jieħdu grazzja miegħek! Huma ftit speċjali u ftit ossessjonati bl-ispazju... fil-klassi jqattgħu l-ħin jagħmlu l-pjanijiet biex iwettqu missjonijiet galattiċi kontra mostri li jridu jeqirdu l-ħajja tal-abitanti ta' pjaneti fil-bogħod. Ċerta li jistgħu jagħtuk biżżejjed spazju fuq l-ispaceship tagħhom!
- Inti żgur li se jaċċettawni? Kif jista' jkun li żrinġ ikun ħabib mal-granċijiet?
- Taħsibx hekk! Oħroġ mill-għadira u ibda imxi!

U hekk għamlu. It-tnejn li huma qabdu l-bagalja ta' Tina u rħewlha lura lejn il-belt li fiha kienu jgħixu l-granċijiet il-ħomor fuq il-gżira Christmas.

Kellna nieqfu nofs triq għax Tina riedet terġa' tħares lejn il-mera.

- Ija Tina! Ieqaf ħares lejk innifsek! L-istilel m'għandhomx għajnejn!
- Mhux minħabba l-istilel! Qatt ma tista' tkun taf ma' min tista' tiltaqa' fit-triq...

U, fil-fatt, fi triqthom lura lejn il-belt, sabu ħafna annimali li kienu qed jgħixu ħajjithom fil-paċi. Kull darba li ltaqgħu ma' xi grupp minn dawn, setgħu jisimgħuhom ipespsu minn wara daharhom...

- Granċ aħmar x'jagħmel bi żrinġ?
- L-inqas ħaġa li ridt nara llum! Kemm hi mħawda d-dinja!

Għaliex in-nies dejjem iridu jikkritikaw lil dawk li jkunu differenti?

Malli waslu fil-pjazza tar-raħal, beda jidlam.

- Fejn huma sħabek?
- Issa m'iniex ċerta… forsi marru lejn l-għolja…
- Ejja mmorru hemm mela! L-istilel jibdew ħerġin fit-tmienja ta' filgħaxija, u bħalissa t-tmienja neqsin kwart! Fadlilna biss nofs siegħa!

L-għolja ma kinitx 'il bogħod mill-pjazza. Waslu eżatt ftit aktar minn ħmistax-il minuta wara u meta qabżu l-aħħar siġra, raw xenarju li kien jistħoqqlu l-aqwa astronawti.

Fuq il-quċċata tal-għolja, kien hemm mejda mimlija ikel, żewġ siġġijiet vojta u teleskopju kbir jipponta dirett lejn is-sema.

- Hello? Roc? Martí? Intom hawn?
- Tina? Dik inti? X'qed tagħmel hawn? Ma kellekx tmur il-mixja? Dan iż-żrinġ min hu?

- Hello! Jien Mercè, iż-żrinġ li ngħix fl-għadira li tinsab fit-triq lejn is-siġra tal-arżnu l-kbira. Tina qaltli li intom tħobbu ħafna l-istilel u li għad fadal post għal tnejn fuq l-ispaceship tagħkom...
- Dażgur! X'sorpriża din! Nistgħu naraw l-istilel kollha flimkien! Ejja eqreb tagħna u imtedd mal-art!

Minn dak il-mument 'il quddiem, kull ma seħħ wara kien maġiku! Il-lejl tal-istilel kien wieħed mill-aktar iljieli sbieħ ta' ħajti!

Forsi, għandi npoġġi l-karriera artistika tiegħi bħala mudella għall-isfilati tal-moda fil-ġenb, u mmur ma' Roc, Martí u Mercè biex nesplora l-univers.

Mimdudin fuq daharna u fuq żaqqna niċċassaw lejn is-sema, qattajna ftit ħin bla nitkellmu, ma kienx hemm bżonn. Ftit ftit, il-lejl bela' l-jum u s-sema deher qisu festin tal-bżieżaq. L-istilel kollha kienu donnhom qegħdin ikellmuni.

- Tina! Iġġieled għall-ħolm tiegħek!
- Jien żgur li se ssiru l-aktar astronawti famużi fid-dinja!
- Taqtax qalbek! Għandek tagħmel dak li tħobb u mhux dak li jgħidulek l-oħrajn!

Parir wara parir, l-istilel għarrfuni li kont għamilt id-deċiżjoni t-tajba, li l-mixja kienet issir kull sena, u li spettaklu bħal dak ma setax jintesa.

Tfal, ħafna mid-drabi fil-ħajja niltaqgħu ma' sitwazzjonijiet li jġegħluna niddeċiedu xi rridu nagħmlu u dak li rridu nkunu fil-ħajja. Dejjem agħżlu b'qalbkom għax dik qatt ma tigdeb.

Trid tkun inġinier? Iġġieled għaliha!

Trid tkun wejter? Iġġieled għaliha!

Trid tkun plejer tal-futbol? Iġġieled għaliha!

Trid tkun żeffien? Iġġieled għaliha!

Iżda dejjem ftakar li l-aqwa ġlieda hija dik li tintrebaħ bil-perseveranza, bix-xogħol iebes u bil-paċenzja. Titlef qatt l-essenza tiegħek! Ibqa' sod f'dak li inti u fejn tixtieq tmur, ħalli ħadd ma jeħodlok dak il-privileġġ. Ibqa' żomm ma' dak li int u ma' fejn tixtieq tmur!

Ħabiba li abbandunat il-catwalks biex tħares 'il fuq lejn is-sema, mill-viċin.

Tina.

TMIEM

Ejjew immorru lejn is-siġra tal-arżnu l-kbira!

- Issa li wasalt s'hawn, mhux se mmur lura! Ejja mmorru lejn is-siġra tal-arżnu l-kbira!
- Ejja ngħaġġlu mela! Inkella la jirnexxilna naraw l-istilel u lanqas insibu lill-ġenituri tiegħek!

Se jkun vjaġġ kemxejn twil, irridu nitilgħu u ninżlu ftit muntanji, mgħobbijin b'dawn il-basktijiet kollha.

- Ma nistax nimxi aktar, Mercè! Saqajja wisq qed juġgħuni!
- U ejja, Tina! Taqtax qalbek! Flimkien jirnexxilna nagħmluha!
- Bilkemm nista' nħosshom il-pinzetti!

Bqajna nimxu u s-sema kompla jidlam dejjem iżjed. F'daqqa waħda rajna xelter żgħir bid-dawl fuq ġewwa. Ersaqna viċin u…

- Min hemm? Aktar granċijiet? Le, jekk jogħġbok! Rajt biżżejjed għal-lum! Dawk tal-mixja għaddew xi nofs siegħa ilu u għaqqdu kunċert! Ġrew ħafna f'nofs il-foresta huma u jgħajtu!
- Hello, Sur Ġurdien, jien jisimni Tina u din hija ż-żrinġ Mercè. Ejja nsegwu l-itinerarju tal-granċijiet ħomor. Intlift fil-bidu tal-mixja u issa rrid insib il-ġenituri.
- Qed taraha dik l-għolja fl-isfond? Qed tara qisu duħħan tiela' fis-sema? Hemm qegħdin! Aktarx li qabdu ħuġġieġa biex ma jiksħux. Jekk timxi lil hemm bla ma tieqaf, tista' tlaħħaq magħhom fi ħmistax-il minuta!
- Tajjeb ħafna! Wara dak kollu li ġrali llum, fl-aħħar kelli aħbar tajba! Il-ġenturi tiegħi se jkunu inkwetati ħafna għalija!
- Is-serata t-tajba Sinjura Granċ u Sinjura Żrinġ.

- Il-lejl it-tajjeb, Sur Ġurdien! Tlaqna, Mercè, kważi wasalna!

Dik il-konverżazzjoni ċkejkna mal-ġurdien tax-xelter tatni s-saħħa li kelli bżonn. Issa ma ħassejtnix għajjiena u kont lesta niġri jekk ridt nasal fuq l-għolja fil-ħin u nara l-istilel mal-ħabiba l-ġdida tiegħi.

Kont qed naħseb x'setgħu kienu qed jagħmlu Roc u Martí. Dawk mhux se jemmnu dak kollu li ġrali minn mindu tlaqt mill-belt biex infittex il-ġenituri tiegħi! Issa naraw la ngħidilhom!

Id-duħħan beda joqrob iżjed u iżjed lejna, u bdejna nisimgħu kommissjoni kbira. Meta lħaqna l-quċċata tal-għolja, rajna miljuni ta' granċijiet jiġru min-naħa għall-oħra, jibnu t-tined biex iqattgħu l-lejl, jixegħlu ħuġġieġa tan-nar żgħar fl-art biex isaħħnu l-ikel, jippreparaw is-sodod tagħhom biex jorqdu… Ma jafux li qed jitilfu spettaklu sħiħ fis-sema għax mhux iħarsu 'l fuq. Nies li jkunu akbar fl-età għandhom ħabta jħarsu 'l ġewwa ħafna u ftit 'il barra. F'daqqa waħda smajt leħen isejjaħli b'ismi.

- Tina? Tina? Dik int? Jaħasra! Fejn int? X'qatgħa tajtna! Ħsibna li weġġajt u ntlift fil-foresta – jew agħar li kont diġà tinsab f'xi żaqq ta' brimba!
- Mà! Pà! Kemm jiena kuntenta li qed niltaqa' magħkom fl-aħħar! Mhux se temmnu xi ġrali! Bilħaqq, din hija ż-żrinġ Mercè. Hi salvatni u hi akkumpanjatni s'hawn biex niltaqa' magħkom.
- Grazzi ħafna, Mercè! X'kienet se tagħmel mingħajrek iż-żgħira tiegħi?
- Mà! Tesaġerax! Jiena granċ intelliġenti ħafna… Wegħedtha li jekk tiġi miegħi naraw il-lejl tal-istilel flimkien!

Dort u qabel ma stajt nitkellem, omm Martí u omm Roc qabduni mill-pinzetti u bdew jheżżuni bħallikieku kont xi biċċa ħaxixa.

- Tina! Lis-subien tagħna rajthom? Qalulna li kienu ġejjin warajna fit-triq imma meta wasalna fuq l-għolja, fittixniehom kullimkien u ma stajniex insibuhom!
- It-tfal tagħkom għenuni ħafna wkoll... imma... kif nista' nispjegalkom... ma ridux jiġu l-mixja għax riedu jibqgħu l-belt jaraw il-lejl tal-istilel...
- Mhux se jerġa' jara d-dawl tax-xemx! Issa jkun jaf, la naqbdu!
- Trid tifhmu lil ibnek, il-ħolma tiegħu hi li jsir astronawta, u kemm-il darba qalli li l-familja ma tappoġġahx biex jikseb dan – forsi tridu tifhmuh iżjed u tisimgħu x'għandu xi jgħid.
- Astronawta? Mhux jaħseb b'mod ċar! Min qatt ra granċ astronawta?
- Kulħadd jagħżel triqtu, sinjura, u naħseb li ħadd m'għandu d-dritt jeqred il-ħolma ta' granċ ieħor...
- Issa li qed naħseb fuqha, Tina, forsi għandek raġun... Meta nerġgħu lura l-belt inkellmu forsi jgħidli kollox dwar l-ispazju u l-astronawti...

Ħsibt li mhux se jirnexxili, imma fl-aħħar irreċiprokajt il-pjaċir lill-sħabi billi tkellimt ma' ommijiethom, issa kellna l-paċi.

- Tina! Qed jibdew jidhru l-istilel! - qal Mercè.

Għalhekk jien u ħabibti, flimkien ma' miljuni ta' granċijiet oħra fuq il-gżira Christmas, mteddejna mal-art u f'silenzju assolut, konna xhieda ta' wieħed mill-aktar għeġubijiet fenomenali li qatt rajt.

Il-lejl tal-istilel tana mument ta' paċi tremenda... u jien u nħares lejhom, fhimt għalkollox lil Martí u lil Roc. U min ma jkunx irid isir astronawta meta jara din is-sbuħija quddiem wiċċu? Għasart

għajnejja flimkien u xtaqt li sħabi, bħali kienu qed iħarsu lejn l-istilel u jaħsbu fil-futur sabiħ li kien qed jistenniena fit-tim galattiku meta naħkmu l-ispazju.

TMIEM

It-tim galattiku qiegħed fuq vjaġġ

- Kaptan, fil-kmandamenti tal-kostituzzjoni tal-ispazju tagħna hemm klawżola li tgħid li ma nistgħu qatt nwarrbu fil-ġenb lil wieħed minna.
- Għandek raġun logutenent kmandant... Tina, se ngħinuk tiltaqa' mal-famija tiegħek u fl-ewwel waqfa, se nfasslu l-pjan tagħna biex naraw il-lejl tal-istilel!
- Erġajna bl-ispazju? X'fikom! Xi jkolli nissaporti! Ejjew! Għinuni nippakkja l-basktijiet u tlaqna niġru biex niltaqgħu mal-bqija tal-granċijiet fil-mixja!

Ma konniex nafu kif se nagħmlu biex inkunu nistgħu naraw il-lejl tal-istilel. Li konna nafu kien li ma stajniex inħallu lil Tina waħedha. Għalhekk qbadna l-bagalji kollha tal-bqija ta' sħabna tal-klassi u bdejna mixja għalina matul l-itinerarju li kienu segwew l-oħrajn.

Il-verità hi li ma kellix wisq x'nitlef. Immaġinaw il-passi tas-saqajn kollha li miljuni ta' granċijiet jistgħu iħallu f'direzzjoni waħda! L-art dehret bħal tapit kbir mitluf fuq l-orizzont!

- Naħseb l-ewwel waqfa li jagħmlu matul il-mixja llum, tkun mas-siġra tal-arżnu l-kbira, dik is-siġra l-kbira li qiegħda fit-territorju tal-ġrieden.
- Mela ejja mmorru hemm!

Matul it-triq sibna ħafna annimali ta' kull tip. Ma konniex imdorrijin nitilqu mill-belt, nagħmluha darba fis-sena biss għall-mixja, u peress li dejjem ikun hemm ħafna granċijiet ma' kullimkien, qatt ma jkollna l-ħin nikkontemplaw is-sbuħija kollha li għandna madwarna.

Irnexxielna ngħoddu aktar minn ħamsa u għoxrin tip ta' dud differenti! Verament jeżistu daqstant? Innutajna wkoll għadd ta' annimali li kienu jikkondividu l-foresta magħna, l-granċijiet... Kultant ikollok bżonn tara biċċa żgħira mid-dinja biex tinduna li m'intix waħdek tgħix ġo fiha...

- X'għadu kif waqa' fuq rasi?
- Jien ħassejtha wkoll! Naħseb qatra xita. Qed tqattar ix-xita!
- U jekk il-passi tas-saqajn ma jibqgħux hemm, x'nagħmlu? Nintilfu! - qalet Tina.
- Ifisser li rridu nimxu ngħaġġlu iżjed!
- Ngħaġġlu iżjed? Bilkemm nista' nieħu nifs! – wieġbet seħbitna tal-klassi.
- Forsi x-xita tieqaf mal-ewwel! Il-granċ tat-temp ma qalx li kienet se tagħmel ix-xita matul il-mixja ta' din is-sena!
- Nispera li ma tagħmilx xita llejla! Għax jekk tagħmel ma nkunux nistgħu naraw l-istilel u l-avventura u l-isforzi kollha tagħna jkunu għal xejn inkella!

Tieqaf ix-xita mal-ewwel? Nittama! F'inqas minn ħames minuti, is-sema nbidel kulur griż ikrah u bdew neżlin ħafna taqtiriet. Jekk intom il-bnedmin tixxarbu meta tagħmel ix-xita, immaġinaw kif iħossuhom il-granċijiet iż-żgħar ! Kull qatra tinħass qisu garawlna tazza ilma fuq rasna!

Jenħtieġ li jirnexxilna. Ħdejn li nsalvaw id-dinja mid-diversi theddid mill-ispazju, din kienet tassew ħaġa faċli! Barra minn hekk, l-ilma ma jaħraqx!

- Issa sew, ix-xita qed iżżid! Il-marki tas-saqajn bilkemm jidhru! Fi ftit ħin, il-foresta se tkun tidher qisha pixxina kbira! qalet Tina. Mhux nifhem kif qed nidher daqshekk sabiħa! X'nagħmel jekk niltaqa' mal-bqija tal-granċijiet l-oħra bi dwiefer daqshekk maħmuġin? X'se jgħidu fuqi? X'mistħija!

- Taħsibx issa fuq hekk! Jien aktar inkwetat fuq kif se nsalva ħajti milli kif se jħarsu lejja l-granċijiet l-oħra! Jekk jogħġbok, Tina! Ejja niffukaw fuq l-affarijiet importanti!
- Kulħadd għandu l-prijoritajiet tiegħu!
- Roc, Tina! Issa m'hemmx ħin biex niddiskutu! Meta jkun hemm problema bħal din, irridu nikkalmaw u naħsbu bil-kalma. Ma nistgħux inkunu nervużi għax inkella żgur nieħdu deċiżjoni ħażina!
- Imma kif tridni nikkalma jekk l-ilma kważi qed ilaħħaqli sal-pinzetti? Qas biss nista' nimxi! Jekk ix-xita tkompli nieżla hekk, ma nafx insalvax! Għadni ma nafx ngħum tajjeb ħafna... Qed nitgħallem - qalet Tina.
- Stenna minuta – interrompa għal għarrieda Roc – X'inhu dak id-dawl li qed naraw hemmhekk? Qisu xelter! Ejja niġru nistaqsu għall-għajnuna!
- Imma kif tistenna li mmorru f'post fejn jgħixu annimali li ma nafux? Ommi dejjem tgħid li m'għandniex nafdaw lil min ma nafux!

U fil-fatt, Tina kellha raġun. Imma fis-sitwazzjoni tagħna, naħseb li ma kellniex għażla ħlief li mmorru fix-xelter u nistennew li l-maltempata l-kbira, li kienet qed tgħarraq il-gżira Christmas kollha, tieqaf. Kif se jkunu jidhru l-granċijiet l-oħra? Se jkollhom l-istess problema li kellna aħna? Tina interrompietli ħsibijieti.

- Mhux se mmorru hemm, daqshekk! Ma nafux min se jiftħilna l-bieb. Ma nafux jekk hux se jweġġagħna. Ma nafux jekk hux se jġegħelna nnaddfu id-dar kollha imbagħad isajjarna fl-ilma jagħli… Diġà tafu li n-nies jgħidu li t-togħma tal-granċijiet hija delizzjuża!

- Tgħidx ċuċati, Tina! F'din il-parti tal-foresta m'hemmx nies! Il-bnedmin qegħdin fuq il-kosta!
- Famuż mela, terġa' u tgħid aħjar! Brimba velenuża, li kienet qed tistenna idjoti bħalna li jħabbtulha fuq il-bieb f'jum ta' xita bħal dan biex tiklilna l-laħam l-prezzjuż tagħna, se tiftħilna l-bieb!

- Jew forsi jiftħilna farfett amikevoli biex jixgħel id-dawl f'każ li xi ħadd bħalna jintilef f'nofs maltempata u jkun jista' jidħol f'daru biex jieħu ftit soppa u jsaħħan ġismu filwaqt li jistenna x-xita tieqaf.
- Kemm inti kunfidenti, Martí! - qalet Tina.
- Ieqaf! - għajjat Roc – Peress li aħna tim, se nieħdu d-deċiżjonijiet bħal tim ukoll!
- Imma min qalilkom li jiena kont parti mit-tim tagħkom? – staqsiet Tina
- Mhux jien! Inti bdejt tkun parti mit-tim meta mort tara jekk il-pinzetti kinux mpenġijin tajjeb u tlift lill-ġenituri tiegħek fil-bidu tal-mixja! Barra minn hekk, għandek tkun grata li aħna ddeċidejna nakkumpanjawk! Dak kollox! Iddeċidejt li messna nħabbtu l-bieb tax-xelter u nibqgħu hemm għal ftit sakemm tieqaf ix-xita! X'taħseb, Martí?
- Jien bħalek naħsibha, Roc! Jekk nibqgħu mixjin, se nidħlu f'iktar inkwiet għax diġà ninsabu mitlufin! U inti Tina, x'taħseb? It-tlieta li aħna rridu naqblu, inkella rridu nerġgħu nieħdu vot.

U għalhekk tfal, għal dan il-kapitlu…

X'taħsbu li għandha tiddeċiedi Tina? Lili min se jsibu fix-xelter, jekk iħabbtu fuq il-bieb? X'se jiġri jekk, min-naħa l-oħra, jiddeċiedu li jkomplu fi triqthom? L-għażla f'idejk!

1. Tina tivvota li jmorru lejn ix-xelter. MUR HAWN: IS-SUR ĠURDIEN
2. Tina tirrifjuta li jmorru lejn ix-xelter. MUR HAWN: L-ODISSEA TAX-XITA

Is-Sur Ġurdien

- Buli! Kif tixtiequ!! Tridu tmorru x-xelter? Tajjeb, ejja mmorru x-xelter! Ma rridx inkun responsabbli aktar tard!

Id-dar tal-ġebel iż-żgħira kienet ftit passi 'l bogħod. Wasalna f'għaxar minuti għax ix-xita bilkemm ħallietna naraw fejn kellna mmorru...

Meta konna inqas minn tliet passi 'l bogħod mill-bieb, it-tlieta li aħna waqafna mingħajr ma konna nafu x'se naqbdu nagħmlu.

- Qed tistenna lili nħabbat fuq il-bieb? Ara lanqas biss taħsibha! Qalet Tina. Intom kontu dawk li ridtu tiġu hawnhekk u intom se tkunu dawk li ġġorru r-responsabbiltà għal dan.

F'daqqa waħda, il-bieb infetaħ u deher ġurdien.

- Hawn x'inhu ġej? Min intom? X'qed tagħmlu hawn? Ġejja maltempata kbira! Dawn tliet granċijiet ħomor! Għaliex ma bqajtux mal-oħrajn?
- Hello, Sur Ġurdien… il-ħabiba tagħna Tina ntilfet fil-bidu tal-mixja u Roc u jien, li jisimni Martí konna qed nakkumpanjawha mal-bqija tal-granċijiet, imma f'daqqa waħda, qabditna din il-maltempata f'nofs ta' triq u issa ma nistgħux naraw il-passi li ħallew il-famiji tagħna… konna qed naħsbu minjaf kieku…
- M'hemmx bżonn issaqsu! Jekk se tkomplu mixjin, se tiffriżaw! Kemm nitfa' ftit ħatab fin-nar ħalli nkunu nistgħu nibqgħu sħan!

- Grazzi ħafna! Mhux se ndejjquk, rridu biss li x-xita tieqaf ħalli nkunu nistgħu mmorru niltaqgħu mal-oħrajn!
- Tistgħu ddumu hawn kemm għandkom bżonn! Nagħmlilkom ftit sandwiċis taċ-ċikkulata, l-ispeċjalità tiegħi!

Morna d-dar tal-ġurdien u poġġejna fuq is-sufan ħdejn in-nar. Meta wasal bis-sandwiċis, bdejna nitkellmu fuq kif il-gżira nbidlet minn mindu kien żgħir hu...

- Snin ilu, in-nies tassew kienu jgħixu fil-paċi! Ma kienx hemm nies li kienu l-ħin kollu jitlajjaw mal-kosta... il-gżira kienet kollha għalina u s-siġar li kienu hawn... imma tafu intom... il-bnedmin iddeċidew li l-lukandi lussużi kienu aħjar mill-veġetazzjoni u n-natura. Għalhekk ngħix hawn jien, 'il bogħod minn kulħadd, għax inħobb naħseb li l-ħajja fuq il-gżira hija bħalma kienet qabel.

Filwaqt li nitkellmu dwar dik u l-oħra, Roc f'daqqa waħda qal…

- Stenna ftit. Qed tisimgħu bħali?
- Nisimgħu xiex? Jien ma jien nisma' xejn! - qalet Tina.
- Eżatt, għalhekk! M'intom tisimgħu xejn! Waqfet ix-xita. Issa nistgħu mmorru niltaqgħu mal-familji tagħna!
- Veru! – Għidt jien – Grazzi ħafna, Sur Ġurdien, tassew grati li għentna! Imbagħad Tina ma riditx tiġi...
- Ma riditx tiġi? – saqsa l-ġurdien.
- Martí! Aqtagħha! Le, tagħtix kasu, dak qed jiċċajta!

Ippakkjajna l-affarijiet tagħna u tlaqna mix-xelter sħan u żaqqna mimlija! Ħafna drabi naħsbu li kulħadd ikollu intenzjonijiet ħżiena imma rridu nemmnu ftit li għadhom jeżistu nies twajba, bħas-Sur Ġurdien.

- Se jidlam f'inqas minn sagħtejn u rridu naslu sas-siġra tal-arżnu l-kbira!
- Hemmhekk ara, nista' naraha! Ejja nibdew nosservaw!

Ma domniex wisq ma wasalna f'qiegħ l-għolja. Minn isfel setgħet tinstema' kommossjoni inkredibbli.

- Tella' tinda!
- Itfa' l-ħatab fin-nar!
- Oħroġ l-ikla ta' filgħaxija mill-bagalji!

Tina, Roc u jien ħarisna lejn xulxin bi tbissima kbira fuq wiċċna! Kien irnexxielna!

Tlajna minnufih sal-quċċata tal-għolja u ħbatna f'ommijietna, it-tlieta li huma kienu qed jitkellmu.

- Mà! - qalet Tina – Aħna ġejna lura! Tassew ħadna gost ! Lanqas se temmen!
- Kemm bżajna meta sirna nafu fejn kontu matul il-maltempata li għadha kemm għaddiet!

Kilna kollha flimkien, u meta wasal il-ħin biex naraw l-istilel, it-tlieta li aħna tbegħedna mill-bqija tal-granċijiet u ntfajna stirati fuq il-ħaxix.

F'daqqa waħda, eluf ta' stilel ġganteski bdew jidhru fis-sema. X'meravilja! Kienet l-aktar ħaġa sabiħa li qatt kont rajt! Hawnhekk beda l-vjaġġ tagħna bħala astronawti! Mingħajr ma konna nafu, membru ġdid tal-ekwipaġġ kien ingħaqad mal-ispedizzjoni tagħna!

- Xi sbuħija, Roc u Martí! Immaġinaw kif se tkun tidher id-dinja mill-qamar la naslu!
- Se tkun impressjonanti!

U sa issa l-avventura ċkejkna tagħna... L-avventura ta' tliet granċijiet ħerqanin biex jibilgħu id-dinja! Trid tiblagħha d-dinja jew trid li d-dinja tibla' lilek?

Segwi l-ħolm tiegħek! Il-ħajja qiegħda għal dawk in-nies qalbiena li jiġġieldu u ma jaqtgħux qalbhom!

Oħloq it-tim tal-ispazju tiegħek. L-għadd ta' ostakli li niltaqgħu magħhom matul it-triq, irridu nkunu kapaċi negħlbuhom!

TMIEM

L-Odissea tax-Xita

- Ara lanqas biss taħsibha! Mhux se mmorru fid-dar tal-ebda stranġier! Ma nafux x'jista' jagħmlilna! Apparti hekk, m'intomx tarawha dik l-għolja hemmhekk? Mhux se nintilfu!
- Imma Tina, mhux tara kemm hi xita qliel? U jekk ma tiqafx? U jekk nintilfu?
- Afdawni, jiena fdajtkom biex naslu s'hawn, issa jmiss lilkom biex tagħmlu l-istess!

Konna tim, u jekk membru wieħed qies deċiżjoni bħala tajba, l-oħrajn kellhom jaqblu biex jgħinu ħalli l-missjoni titlesta b'suċċess. Konna qed nibżgħu, imma min hu dak li ma jibża' qatt f'ħajtu? Kien aktar importanti li negħlbu dawn il-biżgħat milli naħbuhom u nħalluhom għaddejjin minn fuqna.

Għalhekk, mingħajr ma ħsibnieha darbtejn, iddeċidejna li nagħtu kas Tina u niffaċċjaw id-destin tagħna bil-pinzetti ggranfati mal-art.

Tlaqna mir-refuġju li sibna matul it-triq u dan wassalna biex nirbħu l-muntanja ta' fuq l-għolja. Il-viżibiltà kienet qed issir aktar u aktar diffiċli, kulma jmur il-bagalji mxarrbin kienu qed jitqalu u saqajna bdew jeħlu fit-tajn li fforma bix-xita meta din ħabtet mal-art.

- Ejja l-aħwa, nistgħu nagħmluha! Emmnu fikom infuskom! Ħadd ma jista' jwaqqaf lill-aqwa tim galattiku!

Bħala l-kaptan tal-missjoni, ħassejt l-obbligu li nimmotiva lit-tim u ninkuraġġihom jibqgħu pożittivi.

- Ma nista' nara xejn! - qal Roc.
- Lanqas jien! - wieġbet Tina minnufih.

F'daqqa waħda, deher li x-xorti kienet magħna. Is-sħab kien qed jgħib u x-xita kienet qed tieqaf bil-mod.

Peress li qabel ma stajna naraw xejn, irrealizzajna li konna wasalna f'qiegħ l-għolja.

- Irnexxielna! X'tim għandna! U se nkunu nistgħu naraw il-lejl tal-istilel! Is-sema ċar!
- Olej! - qalet Tina.

Kuntenti kif konna, tlajna l-għolja għall-ikbar avventura li konna għexna mument ilu. Malli wasalna fuq l-għolja, kulħadd mar ifittex lill-familjari tiegħu.

- Siegħa oħra għandna niltaqgħu ħdejn dik is-siġra biex naraw l-istilel flimkien!
- Iva, sir!

Tina u Roc mxew lil hinn u jien mort infittex lil ommi.

- Roc! Jogħġbok? Fejn int? X'kont qed tagħmel? Tgħidx kemm kont imbeżża' bix-xita li kienet nieżla ftit ilu!
- Mà! Tina ntilfet u żammejnielha kumpanija sakemm ġiet hawn biex tiltaqa' mal-famija tagħha.
- X'jiġifieri "intilfet"? Fejn kienet? U fejn kontu intom?
- Le, mà… konna ġo...

- Ara ma tivvintax stejjer! Issa hawn qiegħed! Spakkja l-affarijiet tiegħek!

B'miraklu ħlistha din! Kieku għidt lill-ommi li fil-verità konna sibna lil Tina fil-pjazza wara li kulħadd kien beda l-mixja, għax aħna stess ma ridniex nagħmluha, forsi kienet tagħtini daqqa fil-patata li twassalni dirett fuq ix-xatt u ma kienx ikolli għalfejn nimxi iżjed.

Wara ftit imxejt għall-post fejn kont qgħadt mat-tim tal-ispazju tiegħi. Kienu diġà qed jistennewni.

- U ejja, Martí! Ħsibniek mhux se tidher 'l hawn! Ħaffef għax se nitilfu l-ispettaklu. Immaġina! Wara dak kollu li għaddejna minnu!

Tina, Roc, u jien mteddejna fl-art, u f'daqqa waħda bdew jidhru xi sferi ġganteski fis-sema.

- Dawk huma l-istilel li kontu eċitati biex taraw? - staqsiet Tina – Sbieħ ħafna… Issa qed nifhem għalfejn kontu qed tinsistu daqshekk biex tibqgħu fil-belt!

U hemm konna, il-kaptan, il-logutenent kmandant u ż-żieda l-ġdida fit-tim nħarsu lejn il-mira li jmiss tagħna: l-ispazju.

- Meta nikbru, nkunu nistgħu naraw dawk l-istilel kollha mill-viċin. Inkunu nistgħu naraw id-dinja u l-galassji l-oħra madwar id-dinja! Tistgħu timmaġinaw kieku jirnexxilna nsibu l-ħajja fuq pjaneta oħra?
- Jew niskopru xi pjaneta mimlija ċikkulata u gallettini! - qal Roc.
- X'qed tgħid, baħnan? - wieġbet Tina – Fi kwalunkwe każ, jaf niskopru pjaneta mimlija pniezel, mirjiet, catwalks u mudelli… kieku l-ħolma tiegħi ssir realtà!

- Għalissa ejja niffukaw fuq dan il-mument. Tassew kuntent li wasalt s'hawn magħkom.

U peress li qed nitkellmu fuq pjanijiet futuri u pjaneti li se naħkmu, it-tlieta li aħna rqadna niċċassaw lejn l-istilel li domna nistennew daqstant u li swewna daqshekk.

Ħlomna f'futur mhux daqstant 'il bogħod mimli mostri, spaceships, gwerer galattiċi u pjaneti mhux skoperti. Imma l-aktar ħaġa importanti hija li l-avventuri kollha għamilniehom flimkien, bħala tim wieħed.

TMIEM